**Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni**

**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA PRIMARJA 2003**

| IL-ĦAMES SENA | MALTI (QARI) | ĦIN: 15-il minuta |
|---|---|---|

*Isem* ______________________ *Klassi* ______________________

## A. Agħmel sing taħt il-kelma li ma taqbilx.

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 1. | banana, | larinġ, | tuffieħ, | għajnbaqar, | pitravi. |
| 2. | saqqu, | investa, | mħadda, | gwardarobba, | liżar. |
| 3. | tazza, | bomblu, | kikkra, | ilma, | buqar. |
| 4. | vopi, | tiġieġ, | lampuki, | fanfri, | awrat. |
| 5. | ajkla, | kanarin, | pitirross, | verdun, | amorin. |
| 6. | insett, | naħla, | nemla, | żunżan, | nemusa. |

(3 marki)

## B. Agħmel sing taħt it-tajba.

1. Pawlu u Marija ( waslu, waslet, wasal, wassal) malajr.
2. Hija (neża', libbes, libes, neżża') il-kowt għax kienet il-kesħa.
3. Ħadet te bil-(ħasil, ħafif, ħalib, ħadid).
4. "Il-giddieb għomru (twil, oħxon, rqiq, qasir)," jgħid il-Malti.
5. Murillo kien pittur (Taljan, Franċiż, Spanjol, Malti).
6. Il-familja daħlet tiekol fil-kamra tal-(banju, sodda, salott, pranzu).

(3 marki)

## Ċ. Qabbel kolonna 'A' ma' kolonna 'B'.

| A | | B |
|---|---|---|
| 1. Ommi ssajjar | | jista' jweġġa'. |
| 2. Min jilgħab goff | | kif inġibu ruħna sewwa. |
| 3. Fis-sajf inħobbu | | fil-borma. |
| 4. Jannar huwa wieħed | | mimlija ħdura u lwien ta' fjuri. |
| 5. L-iskola nitgħallmu | | mix-xhur kesħin. |
| 6. Il-kampanja tkun sabiħa | | mmorru ngħumu. |

(3 marki)

**D. Ikteb il-frażijiet li ġejjin taħt l-istampa tagħhom.**

| | | |
|---|---|---|
| jisma' l-mużika | jorqod fil-fond | issaħħan idejha |
| nitma' l-kelb | iwaddab ġebla | nitfi x-xemgħa |





______________________ ______________________





______________________ ______________________





______________________ ______________________

(3 marki)

**E. Għaqqad il-kelma man-numri biex turi x'jgħidulhom.**

pultruna

**xagħar**




inkwatru

żarbun

ktieb

(3 marki)

tifla

**Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni**

**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA PRIMARJA 2003**

| IL-ĦAMES SENA | MALTI (KITBA) | ĦIN: Siegħa |
|---|---|---|

Isem ______________________________

Skola ______________________________

Klassi ______________________________

TOTAL TAL-MARKI

**AQRA SEWWA DAN LI ĠEJ:**

- **Aqra din il-faċċata, imla ismek, l-isem ta' l-iskola u l-klassi. TAQLIBX IL-PAĠNA QABEL JGĦIDULEK.**
- **Qabel tikteb it-tweġiba, ara li tkun fhimt sewwa l-mistoqsija.**
- **Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn, imbagħad erġa' ppruvaha fl-aħħar.**
- **Jekk tieħu żball, aqta' pulit u erġa' ikteb.**
- **Meta tlesti, erġa' ara l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla xi vojt li tkun ħallejt.**



**A. Aqra din is-silta. Wara wieġeb il-mistoqsijiet:**

## *Fejn hu Marjo?*



Marjo kien imxebba' sal-ponta ta' mnieħru. Ried imur jilgħab barra ma' sħabu iżda kienet nieżla xita qliel. Mar f'kamartu jħares barra mit-tieqa. Kien mitluf iħares barra meta ħabta u sabta feġġet sħaba quddiem it-tieqa ta' kamartu. Bħal riedet tidħol ġewwa.

***(para. 1)***

Marjo fetaħ it-tieqa u s-sħaba daħlet ġewwa. Donnha kienet qed tistiednu jitla' fuqha. It-tifel ħares barra mit-tieqa. Ix-xita kienet waqfet ħesrem u x-xemx bdiet tfeġġ minn wara s-sħab. Marjo ma ħasibhiex darbtejn. Tela' fuq is-sħaba bajda. Poġġa bil-qiegħda fuqha u ħassu komdu. Kienet ratba ħaxu.

***(para. 2)***

Hekk kif poġġa, is-sħaba telgħet 'il fuq. Malajr laħqet is-sħab l-ieħor. Marjo baqa' skantat u mnixxef. Ħassu bħal għasfur, ħafif u ħieles minn kull xkiel. It-tifel tgħaxxaq b'dak li ra taħtu. Nies, karozzi, siġar, djar... Ra għexieren ta' umbrelel itiru ma' kullimkien maħrubin minn idejn in-nies bil-qilla tar-riħ.

***(para. 3)***

Hekk kif ix-xemx bdiet tisreġ dehret qawsalla. Marjo ħassu jrid itir bil-ferħ. Issaħħar bis-sbuħija ta' dawk l-ilwien imżewqin. Wasal ħdejn il-qawsalla u tela' jimxi fuqha. Ħassu fil-ġenna ta' l-art. Wara ftit reġa' lura fuq is-sħaba. Din bdiet nieżla ħelu ħelu sakemm wasslitu lura f'kamartu. Marjo issa beda jħossu fis-seba' sema. Qatt ma ħaseb f' jum hekk sabiħ!

***(para. 4)***

1. Marjo kellu avventura sabiħa. *(poġġi ✓ ħdejn it-tajba)*

| | |
|---|---|
| veru | ☐ |
| mhux veru | ☐ |
| ma nafx | ☐ |

2. Wara l-avventura Marjo kien qalbu sewda. *(poġġi ✓ ħdejn it-tajba)*

| | |
|---|---|
| veru | ☐ |
| mhux veru | ☐ |
| ma nafx | ☐ |

3. Għaliex Marjo kien imxebba' f'kamartu?

______________________________________________

4. It-tifel kif irnexxielu jitla' fis-sema?

______________________________________________

5. Bħal min ħassu meta beda jtir fuq is-sħaba?

______________________________________________

6. Semmi żewġ affarijiet li seta' jara minn fuq is-sħaba.

______________________________________________

7. X'deher fis-sema hekk kif ħarġet ix-xemx wara x-xita?

______________________________________________

8. X'saħħar lil Marjo?

______________________________________________

9. Għaliex din il-ġrajja ma setgħetx ġrat eluf ta' snin ilu?

______________________________________________

10. Din hi storja immaġinattiva għax ______________________________

______________________________________________

*(10 marki)*

**B. Sib mis-silta:**



| Tifsira | Kelma jew Idjoma |
|---|---|
| eż. imdejjaq ħafna *(par. 1)* | imxebba' sal-ponta ta' mnieħru |
| 1. f'daqqa waħda *(par. 1)* | |
| 2. waqfet mill-ewwel *(par. 2)* | |
| 3. ma qagħadx jaħsibha *(par. 2)* | |
| 4. ħafna u ħafna umbrelel *(par. 3)* | |
| 5. ferħan ħafna *(par. 4)* | |

*(5 marki)*

**Ċ. Mill-paragrafi fis-silta <u>*Fejn hu Marjo*</u> sib:**

1. nom proprju *(par 1)* ______Marjo______
2. aġġettiv bil-konsonanti b-j-d *(par 2)* __________________
3. espressjoni flok ***ratba ħafna*** *(par 2)* __________________
4. nom fil-plural *(par 3)* __________________
5. verb fil-mamma *(par 4)* __________________
6. kelma oħra flok ***kuluri*** *(par 4)* __________________

*(5 marki)*

**D. Daħħal il-verb. Imxi fuq l-ewwel wieħed.**



Ilbieraħ <u>**dħalt**</u> ( **d-ħ-l** ) f' avventura bħal Marjo. Malajr ____________________ ( **r-q-d** ) fis-sodda. ____________________ ( **ħ-l-m** ) ħolma ferm sabiħa. ____________________ ( **t-j-r** ) fis-sema qisni għasfur. ________________ ( **t-l-għ** ) 'il fuq sa ħdejn il-qamar. Kemm kien frisk hemm fuq! F'daqqa waħda __________________ ( **w-q-għ** ) u sibt ruħi lura fl-art.

*(5 marki)*

**E. Daħħal kelma oħra flok:**



Kien ____jum______ (kelma oħra flok **ġurnata**) sabiħ. Kont bilqiegħda f' xatt il-baħar. Ġejt infittex il- __________________ (kelma oħra flok **skiet**). 'Il bogħod fix- __________________ (kelma oħra flok **orizzont**) rajt dgħajsa tal-qlugħ. Biż-żiffa qawwija d-dgħajsa bdiet titbandal fuq il- __________________ (kelma oħra flok **ħalel**) biex tasal fil-kenn ta' xi port. Is-sema ___________________ (kelma oħra flok **blu**) nir kompla sebbaħ din ix-xena hekk sabiħa. Kemm nixtieq li din il- ___________________ (kelma oħra flok **vaganza**) ma tispiċċa qatt.

*(5 marki)*

**F. Imla l-vojt kif hemm mitlub fil-parentesi:**



eż Din hi l-istorja __ta'___ Pawlu. (agħżel minn ***ta' ta tah***)

- Pawlu tifel ta' ________________ snin. (ikteb in-numru ***9*** fi kliem)
- Tifel _________________ u traskurat. (aġġettiv minn **qilla**)
- Is-sodda tiegħu ______________ mħarbta. (kelma waħda flok ***issib lilha***)
- _________________ miftuħin, kullimkien imqalleb. (il-plural ta' ***kexxun***)
- Ommu spiss _______________ lil Pawlu. *(verb imperfett minn **widdeb**)*
- Tridu jżomm _______________ pulita. (kelma waħda flok ***il-kamra tiegħu***)
- Hu ma _______________ x'jista' jinqala'. (l-imperfett negattiv ta' ***basar***)
- Pawlu jħobb ______________ ommu u jobdiha. (agħżel minn **lil lill- lil-)**
- Arah ipoġġi ____________ ġugarelli posthom. (***l-artiklu*** man-nom)
- Inti bħal Pawlu jew le ____ (***punteġġatura*** għall-mistoqsija*)*

*(10 marki)*

## Ġ. Daħħal kelma waħda biss f'kull spazju:



Marija tifla ta' (**8**) **<u>tmien</u>** snin. Sebħet (aġġettiv mill-għerq **m-r-d**) ________________ fis-sodda. It-(femminil ta' **tabib**) _________________ tiġi żżurha d-dar. Tippruvalha l-ħġieġa tad-deni. Fufu, il-kelb ta' Marija jidħol (partiċella **fi** mqassra) _________________ kamritha. Il-kelb (negattiv tal-verb **jinbaħ)** __________________. Jitla' wieqaf mas-sodda (verb imperfett minn **ferfer**) ____________________ denbu. Tistħajlu jridha tfieq malajr ħalli toħroġ tilgħab miegħu. *(5 marki)*

## G.




Rita u jien qisna l-ħabel u s-satal. Twelidna fl-istess żmien. Wara l-iskola niltaqgħu u nilagħbu flimkien. Nilagħbu u ninqatgħu f'dinja għalina. Għal ftit ħin naħarbu mill-ħajja ta' kuljum. L-istorbju u l-ġenn tat-traffiku jinstema' qisu tfexfix baxx ħiereġ minn radju. Ħbiebna jixtiequ jilagħbu magħna iżda ma jafux kif. Sewwa jgħid il-Malti, "Kull par għal paru."

| Rita u l-awtur... | Veru | Falz |
|---|---|---|
| 1. huma ħbieb kbar. | ✓ | |
| 2. jilagħbu f'toroq traffikużi. | | |
| 3. huma t-tnejn ta' l-istess eta`. | | |
| 4 iħobbu jilagħbu logħob immaġinattiv. | | |
| 5. jilagħbu qabel l-iskola. | | |
| 6. ma jilagħbux mal-ħbieb għax miġġildin. | | |

*(5 marki)*

## GĦ. Aqra din l-istorja. Wara mmarka fil-kaxxa t-tajba.



Katrina[1] ħarġet dawra bir-rota. Rota ġdida l-ġmiel tagħha[2]. Żanżnitha[3] wara li qalgħetha rigal f'għeluq sninha. Ħareġ jum imċajpar bi sħab tqil[4]. Ma kontx tara ruħ[5] barra imma t-tifla moħħ ir-riħ[6]. Ħadet gost issuq ir-rota mingħajr ebda ħsibijiet[7]. Għalkemm bdiet xita rxiex[8], malajr iffurmaw għadajjar żgħar ma' l-art. Katrina għaddiet minn ġo fihom[9] u ħammġet ir-rota. Meta marret id-dar qagħdet tnaddafha bil-paċenzja kollha. Ir-rota kienet għal qalbha[10].

1. L-isem ***Katrina*** huwa
   - (i) nom komuni ☐
   - (ii) nom proprju ☐
   - (iii) nom kollettiv ☐

2. Il-frażi ***l-ġmiel tagħha*** tfisser
   - (i) xi ħaġa kerha ☐
   - (ii) xi ħaġa sabiħa ☐
   - (iii) xi ħaġa bla sens ☐

3. -***ha*** fil-kelma ***żanżnitha*** tirreferi
   - (i) għat-tifla ☐
   - (ii) għall-ġurnata ☐
   - (iii) għar-rota ☐

4. Il-frażi ***sħab tqil*** turina li
   - (i) s-sħab kien 'l isfel ☐
   - (ii) s-sħab kien wieqaf ☐
   - (iii) s-sħab kien mimli xita ☐

5. ***Ma kontx tara ruħ barra*** jiġifieri
   - (i) ma tara 'l ħadd barra ☐
   - (ii) tara xi fatat ☐
   - (iii) ma tarax fatat barra ☐

6. it-tifla ***moħħ ir-riħ*** tfisser
   - (i) tifla bla għaqal ☐
   - (ii) tifla moħħha fir-riħ ☐
   - (iii) tifla li toqgħod attenta ☐

7. -***ijiet*** fil-kelma ***ħsibijiet*** tirreferi
   - (i) għas-singular ☐
   - (ii) għall-plural ☐
   - (iii) għall-pronom mehmuż ☐

8. **xita rxiex** turi
   - (i) li kienet xita qawwija ☐
   - (ii) li kienet ilha nieżla ☐
   - (iii) li bdiet nieżla bil-mod ☐

9. ***fihom*** tirreferi
   - (i) għall-ħsibijiet ☐
   - (ii) għall-għadajjar ☐
   - (iii) għas-sħab ☐

10. ***kienet għal qalbha*** turina li
   - (i) r-rota kellha qalb ☐
   - (ii) t-tifla kienet kuntenta ☐
   - (iii) r-rota kienet kuntenta ☐

*(10 marki)*

**H. Ħares lejn l-iskeda tal-programmi fuq *Radju Arċipelagu.* Wieġeb il-mistoqsijiet billi tagħmel ✓ ħdejn it-tajba.**

***Radju Arċipelagu***
***FM 2222***



| | |
|---|---|
| **06.00** | **L-Għodwa t-Tajba** |
| **07.00** | **L-Aħbarijiet** |
| **08.00** | **Mużika tal-Mument** |
| **09.15** | **Il-Mara fid-Dar** |
| **11.45** | **L-Aħbarijiet** |
| **12.30** | **Dinja ta' Xogħol** |
| **14.00** | **Mużika Klassika** |
| **15.15** | **Mit-Tfal għat-Tfal** |
| **16.15** | **Sports illum** |
| **17.00** | **Mużika** |
| **18.00** | **L-Aħbarijiet** |
| **18.30** | **X'ġara llum** |
| **19.15** | **Flimkien id-Dar** |
| **20.00** | **Kwizz** |
| **22.00** | **Mużika Romantika** |
| **22.50** | **Għeluq** |

1. Insegwi dawn il-programmi fuq

   **ir-radju** ☐
   **it-televiżjoni** ☐
   **il-gazzetta** ☐

2. Fuq dan l-istazzjon **'l-Aħbarijiet'** nismagħhom

   **ħames darbiet** ☐
   **tliet darbiet** ☐
   **darbtejn** ☐

3. Il-programm **'Il-Mara fid-Dar'** jappella l-aktar

   **għall-irġiel** ☐
   **għat-tfal** ☐
   **għan-nisa** ☐

4. Nisma' r-riżultati tal-futbol fil-programm

   **Flimkien id-Dar** ☐
   **Sports illum** ☐
   **Mit-Tfal għat-Tfal** ☐

5. Il-programm fejn il-kompetituri jwieġbu mistoqsijiet f'kompetizzjoni huwa

   **Mużika Romantika** ☐
   **Dinja ta' Xogħol** ☐
   **Kwizz** ☐

*(5 marki)*

**Ħ. Ikteb komponiment ta’ mhux inqas minn 120 kelma dwar WIEĦED minn dawn is-suġġetti:**



1. Mort ġurnata fl-għalqa tan-nannu. Għid kif qattajt il-ħin taħdem u tilgħab fil-kwiet tal-kampanja.



2. X’jogħġobni f’pajjiżi. Inħares dawra madwari. Napprezza s-sabiħ li joffri pajjiżi.



3. Lejl wieħed kellek stedina unika u straordinarja. Kellek l-okkażjoni tmur ġita fl-ispazju. Irrakkonta ftit x’ġara.

4. Djalogu bejn fjura u naħla.





5. Ħares lejn l-istampi t’hawn taħt u ikteb storja.



*(20 marka)*